# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 55/09/3 RGM**

**Dr.Patrick Spiteri**

**v.**

**Sylvana Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tal-15 ta' Frar, 2012, magħmula minn Dr Patrick Spiteri taħt l-**Artikolu 811(e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2011, wara li

tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-16 ta' Frar, 2009, Dr Patrick Spiteri talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tiddikjara li ż-żwieġ tiegħu ma' Sylvana Spiteri, iċċelebrat fir-Reġistru Pubbliku nhar it-3 ta' Diċembru, 1997, huwa null u bla effett minħabba erba' raġunijiet differenti, *viz.* (i) li meta sar dan iż-żwieġ, Sylvana Spiteri kienet ġa marbuta bi żwieġ ieħor ma' ħaddieħor; (ii) li l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra; (iii) li l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien imtappan b'difett serju ta' diskrezzjoni jew b'anomalija psikoloġika; u/jew (iv) li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

3. Sylvana Spiteri wieġbet fit-30 ta' Marzu, 2009 u barra li qalet li r-rikors maħluf huwa null għaliex ma jħarisx dak mitlub fl-**Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, hija qalet li ż-żwieġ tagħha ma' Dr Spiteri huwa validu u li ma teżisti ebda raġuni għalfejn skont il-liġi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi ddikjarat bħala null.

4. Waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru, 2009, il-konvenuta Sylvana

Spiteri irtirat l-eċċezzjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' siwi tar-rikors maħluf imressaq minn Dr Spiteri.

5. Fl-24 ta' Ġunju, 2010, il-konvenuta Sylvana Spiteri ppreżentat l-affidavit tagħha, li miegħu kien hemm mehmuża deċiżjoni tal-Qorti Superjuri ta' Kalifornja fil-kontea ta' Los Angeles, mogħtija fid-19 ta' Diċembru, 2002, li kienet tgħid li ż-żwieġ ta' bejn Jon Edwards u Sylvana Edwards kellu jitqies bħala maħlul sa mill-1 ta' Jannar, 1992. Din id-deċiżjoni, li ġiet apostillata mis-Segretarju tal-Istat ta' Kalifornja, kienet tgħid hekk:

> *« 5. THE COURT ORDERS*
>
> *a. A judgment of dissolution of marriage shall be entered, and the parties are restored to the status of unmarried persons.*
>
> *b. The judgement of dissolution of marriage shall be entered nunc pro tunc as of (date) January 1, 1992*
>
> *c. Wife's former name is restored (specify): Sylvana Xuereb*
>
> *d. Husband and wife shall comply with any agreement attached to the petition: N/A*
>
> *6. You are notified that a judgment of dissolution of marriage was entered on (date): January 1, 1992»*

6. Flimkien ma' dan l-affidavit, ġiet ippreżentata wkoll ittra ffirmata mill-avukat Bruce J. Altshuler mid-ditta ta' avukati *Altshuler and Spiro*, li kienet tispjega li skont l-**Artikolu 2346 tal-Kodiċi tal-Familja fil-Kalifornja**, huwa possibbli li l-Qorti toħroġ deċiżjoni ta' ħall taż-żwieġ *nunc pro tunc*. Fil-qasam legali, ordni li tkun *nunc pro tunc* tfisser li d-

deċiżjoni jkollha saħħa u effett b'mod retroattiv, jiġifieri, sa minn qabel id-data tad-deċiżjoni.

7. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2010, ġie mniżżel fil-verbal tal-Qorti, li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li l-provi kellhom jiġu limitati biss fuq il-kwistjoni dwar jekk iż-żwieġ tal-partijiet kienx null minħabba żwieġ preċedenti tal-konvenuta.

8. B'nota ppreżentata fit-23 ta' Novembru, 2010, Sylvana Spiteri ddikjarat li dwar il-kwistjoni tal-bigamija hija ma kellhiex aktar provi xi tressaq, jekk kemm-il darba Dr Spiteri jaċċetta bħala *«stat provat, mingħajr ħtieġa ta' provi oħra, is-segwenti: (i) Illi ż-żwieġ tal-konvenuta lil Jon Edward ġie xolt b'digriet tad-19 ta' Diċembru, 2002; (ii) Illi permezz tal-istess digriet id-data tax-xoljiment taż-żwieġ ġie stabbilit bħala l-1 ta' Jannar, 1992; u (iii) Illi skont il-liġi tal-Istat ta' California, u għalhekk skont il-Liġi tal-Istat Uniti, l-imsemmi żwieġ bejn Edwards u l-konvenuta jitqies, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, bħala li ġie xolt fl-imsemmija data tal-1 ta' Jannar 1992.»*

9. Fis-seduta tat-2 ta' Diċembru, 2010, l-avukat tal-konvenuta ppreċiża li l-kliem «*għal finijiet u effetti kollha tal-liġi*» li jidhru fit-tielet paragrafu tan-nota tat-23 ta' Novembru, 2010, jirreferu għal-liġi tal-istat

ta' Kalifornja. Dakinhar stess, l-avukata ta' Dr Patrick Spiteri ddikjarat li hija kienet qiegħda taqbel mal-fatti, kif dikjarati fin-nota tat-23 ta' Novembru, 2010 u għalhekk hija kienet qiegħda teħles lill-konvenuta milli ġġib aktar provi dwarhom.

10. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2011, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) laqgħet it-talba ta' Dr Patrick Spiteri li ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta Sylvana Spiteri tat-3 ta' Diċembru, 1997, kellu jitqies bħala null skont l-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex meta sar dan iż-żwieġ, il-konvenuta Sylvana Spiteri kienet marbuta bi żwieġ preċedenti ma' Jon Edwards. Dik il-Qorti qalet li d-deċiżjoni tal-Qorti ta' Kalifornja kienet irrilevanti għaliex l-istat fattwali u legali tal-konvenuta Sylvana Spiteri fil-mument li hija żżewġet lil Dr Patrick Spiteri ma setax jiġi mibdul jew sanat b'deċiżjoni *nunc pro tunc* mogħtija mill-Qorti Amerikana.

11. Il-konvenuta Sylvana Spiteri appellat minn din is-sentenza b'rikors tad-19 ta' April, 2011, bl-aggravju waħdieni jkun li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma tatx piż lid-deċiżjoni tal-Qorti Amerikana dwar il-ħall taż-żwieġ preċedenti tagħha.

12. L-attur Dr Patrick Spiteri wieġeb għal dan ir-rikors fis-26 ta' April, 2011 u saħaq li l-appell għandu jiġi miċħud.

13. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2011, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, laqgħet l-appell ta' Sylvana Spiteri u ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex sabet li ladarba b'deċiżjoni tal-Qorti Amerikana ż-żwieġ tal-konvenuta Sylvana Spiteri ma' Jon Edwards ġie ddikjarat bħala maħlul b'effett mill-1 ta' Jannar, 1992, allura l-konvenuta għall-għanijiet tal-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta** ma setgħetx titqies bħala marbuta bi żwieġ preċedenti, meta hija żżewġet lil Dr Patrick Spiteri fit-3 ta' Diċembru, 1997. L-atti tal-kawża għalhekk intbagħtu lura lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tqis ir-raġunijiet l-oħra mressqa minn Dr Patrick Spiteri għaliex iż-żwieġ tiegħu għandu jitqies bħala null.

14. Il-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġiet riappuntata fit-2 ta' Frar, 2012, sabiex ikompli s-smigħ dwar ir-raġunijiet l-oħra għall-annullament taż-żwieġ. Ġara iżda li b'digriet mogħti fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2017, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat it-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista tagħha.

15. Sadattant fil-15 ta' Frar, 2012, Dr Patrick Spiteri ressaq rikors fejn qal li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011, tiġi mħassra u l-kawża tiġi ritrattata

skont l-**Artikolu 811(e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

16. Fil-qosor, ir-raġunijiet għaliex huwa talab ir-ritrattazzjoni ta' din is-sentenza jistgħu jinġabru hekk: (i) li din il-Qorti applikat il-liġi ta' Kalifornja minflok l-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (ii) li din il-Qorti żbaljat il-fatti meta qalet li Dr Patrick Spiteri kien aċċetta l-effett retroattiv tad-deċiżjoni tal-Qorti Amerikana.

17. Għalhekk huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

> *«i. Tordna t-tħassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 25 ta' Novembru, 2011 fl-ismijiet Dr Patrick Spiteri vs. Sylvana Spiteri; u*
>
> *ii. Tordna li ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawża fuq imsemmija skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi u ta' dan ir-ritrattazzjoni kontra r-ritrattata.»*

18. Sylvana Spiteri wieġbet fis-6 ta' Ġunju, 2012 u hemmhekk tat ir-raġunijiet tagħha għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa minn Dr Spiteri jmissha tiġi miċħuda.

19. Fit-30 ta' Novembru, 2012, din il-Qorti tat provvediment, li permezz tiegħu ġiet miċħuda talba ta' Dr Spiteri għar-rikuża tal-Prim Imħallef Silvio Camilleri u tal-Imħallef Tonio Mallia; filwaqt li fil-31 ta' Mejju, 2013, din il-Qorti tat sentenza li permezz tagħha ddikjarat bħala null ir-rikors għar-ritrattazzjoni mressaq minn Dr Spiteri fil-15 ta' Frar, 2012, minħabba li

mhux legalment possibli li ssir ritrattazzjoni ta' sentenza, jekk il-kawża tkun għadha għaddejja.

20. Fit-22 ta' Awwissu, 2019, Patrick Spiteri ppreżenta kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ***Patrick Spiteri v. L-Avukat tal-Istat et (Rik. Nru. 151/2019RGM)*** fejn ilmenta li huwa ma kellux smigħ xieraq minħabba li t-talba għar-ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell instemgħet u ġiet deċiża minn żewġ membri, li kienu wkoll membri tal-istess Qorti, li kienet tat is-sentenza li dwarha saret it-talba għar-ritrattazzjoni.

21. B'sentenza tat-28 ta' April, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddikjarat li Patrick Spiteri tabilħaqq ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq meta t-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni nstemgħet minn żewġ Imħallfin, li kienu wkoll membri fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet qiegħda tiġi attakkata. Minħabba f'hekk, is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2012 u fil-31 ta' Mejju, 2013, ġew imħassra u l-kawża ta' ritrattazzjoni mibdija minn Dr Spiteri bir-rikors tal-15 ta' Frar, 2012, ġiet ordnata li terġa' tinstema' u tiġi deċiża mill-ġdid.

22. Din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma ġietx appellata u għalhekk din għaddiet f'ġudikat.

23. B'ħarsien ta' din is-sentenza kostituzzjonali, ir-rikors għar-ritrattazzjoni tal-15 ta' Frar, 2012, reġa' ġie appuntat minn din il-Qorti.

24. Inżammet seduta fis-17 ta' Jannar, 2023 u dehru biss l-avukati ta' Dr Patrick Spiteri. Dakinhar din il-Qorti mexxiet lill-avukati preżenti sabiex fid-dawl tal-iżviluppi ġudizzjarji li seħħew wara l-għoti tas-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2013, li ġiet imħassra b'sentenza oħra kostituzzjonali, huma jindirizzaw ukoll, waqt it-trattazzjoni tagħhom, l-effetti tad-digriet tal-kanċellament tal-kawża mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Marzu, 2017, flimkien mal-kwistjoni dwar jekk tistax tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawża li dwarha ma tkunx ingħatat sentenza finali.

25. Wara li ntemmet it-trattazzjoni, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

26. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

27. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

Naturalment hija u tqis din l-azzjoni, din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li proċedura bħal din hija waħda ta' sura eċċezzjonali li ma tistax tintuża bħala grad ieħor ta' appell (ara *inter alia* s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, ***Data Express Limited v. Atlas Insurance Agency Limited pro et noe*** mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2013 u ***Louis Cassar v. San Lawrenz Leisure Resort Limited*** deċiża fil-15 ta' April, 2013).

28. Dr Patrick Spiteri qiegħed jgħid li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011, għandha tiġi mħassra għaliex ingħatat fuq tħaddim ħażin tal-liġi u fuq żball ta' fatt li joħroġ mill-atti tal-kawża.

29. Min-naħa tagħha, Sylvana Spiteri tibda billi twieġeb li din it-talba għar-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa għaliex ma tistax tintalab ir-ritrattazzjoni ta' sentenza, jekk il-kawża tkun għadha ma spiċċatx.

30. Billi din il-preġudizzjali tista' tmewwet it-talba ta' Dr Patrick Spiteri, huwa xieraq li din il-Qorti tibda minnha.

31. Il-liġi tagħna tgħid fl-**Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li kawża deċiża b'sentenza tista' tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza. Ingħad dwar dan l-artikolu tal-liġi, li la r-ritrattazzjoni hija tal-kawża, ma jistax ikun hemm ritrattazzjoni meta l-

kawża tkun għadha qiegħda tiġi trattata (ara ***Karmenu Mifsud Bonnici noe et v. John Scicluna noe et***, Appell Superjuri tas-26 ta' April, 1993). F'dan is-sens il-ġurisprudenza fissret tul iż-żminijiet li parti ma tistax tressaq talba għar-ritrattazzjoni, jekk is-sentenza li tkun qiegħda tiġi attakkata tkun waħda biss parzjali, li ma tkunx temmet it-tilwima kollha li jkun hemm għaddejja bejn il-partijiet. Dan ġie deċiż hekk għaliex il-leġislatur, «*illeġisla li r-rimedju jkun disponibbli biss meta l-kawża tiġi deċiża u mhux meta tingħata sentenza parzjali, anke jekk finali*» (ara ***James Buttigieg et nomine v. Dr. Michael Caruana et nomine***, Appell Superjuri tat-28 ta' Marzu, 2016).

32. Hekk pereżempju talbiet għar-ritrattazzjoni ġew meqjusa bħala nulli, kemm f'każijiet fejn kienu qegħdin jiġu attakkati sentenzi li ma ddeċidewx il-mertu imma eċċezzjonijiet preliminari (ara ***Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo noe et v. Michael Axisa et,*** Appell Superjuri tas-16 ta' Diċembru, 2003), kif ukoll f'każijiet fejn fis-sentenza attakkata jkunu ġew deċiżi b'mod finali wħud biss mit-talbiet tar-rikors maħluf u mhux it-talbiet kollha (ara ***Isabella Zananian Desira v. Kunsill Mediku***, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019).

33. Mill-banda l-oħra però, talba għar-ritrattazjoni ġiet meqjusa mill-qrati tagħna bħala waħda ammissibbli, fejn f'każ ta' aktar minn konvenut

wieħed, is-sentenza attakkata, għad li din ma tkunx għalqet il-kawża fil-konfront tal-konvenuti kollha, madankollu din tkun għalqet it-tilwima b'mod finali fil-konfront ta' wieħed mill-konvenuti, b'tali mod li dwar dak il-konvenut partikolari ma jkunx hemm aktar x'jiġi deċiż (ara ***Carmelo Cachia et v. Olga Mifsud et***, Appell Superjuri tas-17 ta' Marzu, 2022).

34. Imħaddem dan kollu fil-każ tal-lum, jirriżulta li fil-mument li Dr Patrick Spiteri ressaq ir-rikors ta' ritrattazzjoni tiegħu fil-15 ta' Frar, 2012, is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti nhar il-25 ta' Novembru, 2011, ma kinitx għalqet il-kawża kollha li kien hemm għaddejja bejn il-partijiet. Kemm hu hekk, din il-Qorti kienet fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru, 2011, bagħtet l-atti lura lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex taqta' t-talba waħdanija ta' Dr Patrick Spiteri għall-annullament taż-żwieġ tiegħu fid-dawl tar-raġunijiet l-oħra li ġew imressqa minnu u li kienu għadhom mhux deċiżi.

35. Il-fatt waħdu iżda li din il-Qorti fis-sentenza attakkata tal-25 ta' Novembru, 2011, kienet bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tissokta bil-kawża, ma jfissirx b'daqshekk li allura t-talba ta' Dr Spiteri għar-ritrattazzjoni hija waħda li ma tiswiex, kif hekk qed tgħid Sylvana Spiteri fit-tweġiba tagħha.

36. Ġara, li wara li l-atti ġew mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti, il-kawża ġiet imħassra b'digriet tat-23 ta' Marzu, 2017. Dr Spiteri ma ressaqx rikors fi żmien għaxart ijiem taħt l-**Artikolu 199(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif kien dak iż-żmien, biex dawn il-proċeduri jiġu mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi. Iż-żmien imsemmi fl-**Artikolu 199** huwa wieħed li ma jistax jittawwal mill-Qorti, b'dana li darba għadda dan it-terminu, il-proċeduri ma setgħux jerġgħu jiġu appuntati. Tant hu hekk, li kull digriet li jappunta kawża mill-ġdid, wara li jkun laħaq għadda dan it-terminu, huwa meqjus bħala null (ara ***Visa Investments Limited v. Blye Engineering Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020).

37. It-tħassir tal-kawża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iġib bħala konsegwenza li Dr Patrick Spiteri ġie li abbanduna l-kontinwazzjoni tal-kawża biex iż-żwieġ tiegħu jiġi ddikjarat null fuq ir-raġunijiet l-oħra li ma ġewx deċiżi bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2011. U la l-kontinwazzjoni tal-kawża għall-annullament taż-żwieġ ġiet abbandunata minn Dr Spiteri sa fejn din tolqot il-*capita nullitatis* l-oħra li baqgħu mhux deċiżi, allura dan ifisser li s-sentenza attakkata tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Novembru, 2011, li ċaħdet il-*caput nullitatis* tal-bigamija ġiet bħala waħda li għalqet il-kawża kollha kemm hi. Dan għaliex illum wara din is-sentenza u wara d-digriet tal-kanċellament m'għadx fadal aktar kawża

x'tiġi deċiża.

38. Jiġi b'hekk, li l-preġudizzjali ta' Sylvana Spiteri dwar in-nullità tar-ritrattazzjoni mressqa minn Dr Spiteri ġiet megħluba bl-iżviluppi ġudizzjarji li seħħew wara t-tressiq tar-rikors ta' ritrattazzjoni.

39. Din il-Qorti għalhekk tista' timxi biex tqis jekk hemmx raġunijiet fejjieda biex ikun hemm it-tħassir tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru, 2011.

40. L-ewwel raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Dr Spiteri tinsab imsejsa fuq l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

41. Talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika użu ta' dispożizzjoni tal-liġi flok oħra (ara ***Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi fl-**Artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost ġiet applikata (ara ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta'

Marzu, 2019).

42. Is-sentenza għandha titħassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, i.e. mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***Francesco Saverio Borg v. Joseph Mallia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

43. Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh li biex jista' jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara ***Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

44. Fil-każ tagħna, Dr Spiteri jargumenta fir-rikors għar-ritrattazzjoni tiegħu li din il-Qorti applikat il-liġi tal-Kalifornja minflok l-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huwa jisħaq li skont dan l-artikolu tal-liġi Maltija dak li kellha tagħmel din il-Qorti huwa biss li tara li jekk fil-mument

taż-żwieġ tal-partijiet, il-konvenuta kinitx marbuta bi żwieġ ieħor preċedenti. F'dan is-sens, Dr Spiteri jgħid li fil-mument li Sylvana Spiteri żżewġitu fit-3 ta' Diċembru, 1997, iż-żwieġ preċedenti ta' Sylvana Spiteri ma' Jon Edwards kien għadu ma ġiex maħlul mill-Qorti Amerikana. Iżid li għalkemm dan iż-żwieġ seta' ġie maħlul aktar tard b'mod retroattiv, b'deċiżjoni tal-Qorti Amerikana, dan ma jbiddilx il-fatt li għall-għanijiet tal-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta**, fil-mument li seħħ iż-żwieġ bejn il-partijiet, dik id-deċiżjoni tal-Qorti Amerikana kienet għadha ma ngħatatx. Itemm jgħid għalhekk li l-*punctum temporis* rilevanti kellu jkun dak fis-seħħ fil-mument li sar iż-żwieġ bejn il-partijiet u mhux dak li seta' ġara wara ż-żwieġ tagħhom.

45. Filwaqt li din il-Qorti tapprezza l-isforz li sar minn Dr Spiteri f'dan l-argument tiegħu, madankollu xorta jibqa' l-fatt li dan ma jurix li din il-Qorti applikat liġi b'oħra, kif imsemmi fl-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-aktar li jista' jwassal dan l-argument huwa li din il-Qorti forsi interpretat b'mod ħażin l-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta** imma mhux li din il-Qorti applikat il-liġi barranija minflok il-liġi Maltija.

46. Joħroġ ċar li Dr Spiteri qiegħed jinsa element importanti mir-rekwiżiti msemmija fis-**subinċiż (e) tal-Artikolu 811**, jiġifieri, dik il-parti tal-liġi li tgħid, li hemm bażi ta' ritrattazzjoni fuq applikazzjoni ħażina tal-

liġi, «*basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni*.» Sewwasew fil-każ tagħna, dak li qed jipprova jagħmel Dr Spiteri bl-azzjoni tiegħu huwa li jipprova jħeġġeġ jew iċaqlaq lil din il-Qorti sabiex terġa' tqis l-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta** u tinterpretah kif jixtieq hu, u differentement minn kif ġie interpretat minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata. Ħaġa din, li hija projbita mil-liġi tal-proċedura (ara ***Helen Schembri et v. Anthony George Zahra nomine***, Appell Superjuri tal-14 ta' Mejju, 2004).

47. Tassew qari mirqum tas-sentenza attakkata jurik li din il-Qorti kienet taf sew bl-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex anke semmietu fis-sentenza. Tajjeb jew ħażin, hija interpretatu fis-sens li ma hemmx bigamija għall-għanijiet ta' dak l-artikolu, jekk kemm-il darba wara li jkun ġie ċċelebrat it-tieni żwieġ, tinkiseb deċiżjoni minn qorti barranija li tħoll l-ewwel żwieġ b'effett retroattiv.

48. Dr Spiteri jista' ma jaqbel xejn ma' din l-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti fis-sentenza tal-25 ta' Novembru, 2011 u jista' jibqa' jemmen li l-interpretazzjoni t-tajba tal-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta** hija dik espressa fis-sentenza ***Edward John Fuchs v. Marianne Fuchs nèe Micallef***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2007, jiġifieri, li xorta hemm stat ta' bigamija jekk l-ewwel żwieġ jiġi maħlul

wara li jkun ġie kuntrattat it-tieni żwieġ. B'daqshekk però, dan ma jagħtix jedd lil Dr Spiteri biex jitlob it-tħassir tas-sentenza fuq tħaddim ħażin tal-liġi.

49. Il-Qorti tal-Appell, bħal kull qorti oħra, għandha kull jedd li titbiegħed minn sentenzi preċedenti. Huwa magħruf li, «*the possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention*» (ara ***Santos Pinto v. Il-Portugall***, nru. 39005/04, § 41, 20 ta' Mejju, 2008).

50. Huwa biss fejn is-sentenza tkun tbiegħdet minn ġurisprudenza stabbilita u dewwiema għal tul ta' żmien li jista' jkollok problemi dwar inċertezza legali (ara ***Stepan Bonnici v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar, 2013). Dwar dan l-aħħar element ta' ġurisprudenza dewwiema, il-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi tagħha ***Martin Dimech v. Malta*** tat-2 ta' April, 2015 u ***Mario Borg v. Malta*** tat-12 ta' Jannar, 2016, ma sabitx ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq minħabba l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, fuq firxa ta' ftit snin, tat sentenzi kunfliġġenti dwar ilmenti kostituzzjonali li

jixxiebhu, marbuta mat-teħid ta’ stqarrijiet mingħajr l-għajnuna ta’ avukat. Dan għaliex il-ġurisprudenza f’dan il-qasam kienet għadha qiegħda tinħema u tiżviluppa.

51. Lura għall-każ tagħna, ma jistax jingħad li teżisti xi ġurisprudenza stabbilita u dewwiema dwar l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Biżżejjed jingħad, li s-sentenza ta’ ***Edward John Fuchs v. Marianne Fuchs*** ma ġietx imħaddna anke mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha, mhux appellata, fl-ismijiet ***Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. Ermelinda Silos Mendoza et*** deċiża fis-16 ta’ Novembru, 2010).

52. Kif ingħad aktar kmieni, Dr Spiteri jista’ ma jaqbilx ma’ kif din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, interpretat l-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta’ Malta** meta l-ewwel żwieġ jiġi maħlul b’dikjarazzjoni ġudizzjarja li tinkiseb wara li jkun sar it-tieni żwieġ; imma dan ma jwassalx għat-tħaddim ħażin tal-liġi kif mifhum fis-**subinċiż (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

53. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta tiġi użata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ u mhux meta l-liġi t-tajba tkun ġiet applikata, imma din tkun ġiet interpretata ħażin. F’dan il-każ, mhux minnu li din il-Qorti applikat liġi

Amerikana flok dik Maltija. Mod ieħor hija applikat l-**Artikolu 6 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta** u sabet li ma ġiex ippruvat li kien hemm bigamija għaliex l-ewwel żwieġ ta' Sylvana Spiteri ġie maħlul skont il-liġi ta' Kalifornja.

54. L-ewwel raġuni għar-ritrattazzjoni tas-sentenza msemmija minn Dr Patrick Spiteri għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

55. Ngħaddu issa biex inqisu l-aħħar raġuni għar-ritrattazzjoni, li tinsab mibnija fuq l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

56. L-iżball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza, li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri***, Appell Superjuri tas-26 ta' Marzu, 2021). Fi kliem aktar ħafif, irid jintwera li l-iżball ikun wieħed materjali ta' fatt u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni (ara ***Gourmet Company Limited et v. Mariano Vella***, Appell Superjuri tat-28 ta' Jannar, 2005).

57. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mare Blu Tuna Farm Limited v. Dr. Louis Cassar Pulliċino nomine*** deċiża fl-4 ta' Ottubru, 2010 irid, *«ikun hemm prova ċara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li għandha biss tifsira waħda u unika, ċioè li tistabbilixxi ċertu fatt jew li teskludih, u minflok il-ġudikant bi żball u proprju għaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tiegħu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost żbaljat.»*

58. Illi fil-każ tagħna, Dr Spiteri jisħaq li din il-Qorti qalet ħażin fis-sentenza attakkata, li fil-verbal tat-2 ta' Diċembru, 2010 huwa kien aċċetta li skont il-liġi ta' Kalifornja tista' tingħata deċiżjoni ta' ħall taż-żwieġ b'mod retroattiv.

59. M'hemmx għalfejn ngħidu li dan l-ilment ta' Dr Spiteri ma jaqa' xejn fil-kunċett ta' żball ta' fatt, kif imsemmi fl-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan għaliex dak li qed jilmenta dwaru Dr Spiteri huwa biss il-mod ta' kif din il-Qorti interpretat il-verbal tat-2 ta' Diċembru, 2010, u mhux jekk kienx jeżisti dak il-verbal dwar il-valur probatorju tad-deċiżjoni tal-Qorti Amerikana.

60. Wara kollox, Dr Spiteri ma jsemmi l-ebda verbal li din il-Qorti injorat,

jew li qieset verbal li ma jirriżultax mill-provi. Il-verbal tat-2 ta' Diċembru, 2010, kien hemm u din il-Qorti sempliċement interpretat il-kontenut tiegħu biex waslet għall-konkluzjoni tagħha. Naturalment Dr Spiteri jista' ma jaqbilx ma' kif din il-Qorti interpretat dak imniżżel fil-verbal, imma ma jistax jgħid li fuq il-fatti, sar żball għaliex il-verbal tat-2 ta' Diċembru, 2010, hemm qiegħed fl-atti.

61. Għalhekk anke din l-aħħar raġuni biex ikun hemm ritrattazzjoni tal-kawża qiegħda tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha ta' Dr Patrick Spiteri għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da